**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. NADIA H. VELLA**
**B.A., LL.D., Dip. Trib. Eccl. Melit.,**

Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2025

Avviż Numru: 35/2024NHV

**Annabelle Sammut**
detentriċi tal-karta tal-identitá bin-numru 0184178M

**vs**

**Jean Claude Camilleri**
detentur tal-karta tal-identitá bin-numru 426885M

Il-Qorti

Rat l-**Avviż** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fil-15 ta' Frar 2024[1], li permezz tiegħu, l-attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' ħamest'elef, tliet mija, erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€5334.50) rappreżentanti l-bilanċ rimanenti għall-materjal li l-konvenut xtara mingħand l-attriċi ossia copper wires, fittings u aċċessorji għal air conditioning units u dan skont l-ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu166A[2] tal-

[1] Fol 1 tal-proċess
[2] Fol 3 tal-proċess

Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-istatement of account annessa mal-avviż u mmarkata Dok A[3].

L-attur talab sabiex din il-Qorti:

1. Tikkundanna lil Jean Claude Camilleri bħala kreditur tal-attriċi fis-somma ta' tas-somma ta' ħamest'elef, tliet mija, erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€5334.50);
2. Tordna lil Jean Claude Camilleri iħallas lill-attriċi l-ammont ta' ħamest'elef, tliet mija, erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€5334.50), kif ukoll l-imgħax l-legali mid-data tal-istatement of account.

Ġew mitluba wkoll l-ispejjeż, kontra l-konvenut, inkluż tal-ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2509/23, kif ukoll tal-mandat ta' sekwestru numru 2226/23.

Rat l-**assenjazzjoni** tal-kawżi u d-doveri ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, li daħlu fis-seħħ nhar id-19 ta' Frar 2024, illi permezz tagħha din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif presjeduta.

Rat li saru diversi tentattivi għan-notifika tal-konvenut fosthom dik li saret fit-23 ta' Frar 2024, fejn ir-riferta ġiet lura taqra "refused by customer".

Semgħet ix-xiehda mogħtija mill-Purtier tal-Qorti Carmela Magro[4], kif ukoll tar-rappreżentanta ta' Maltapost p.l.c. Marica Cutajar[5].

Rat li din il-Qorti fis-seduta tal-10 ta' Lulju 2024, iddikjarat lill-intimat notifikat bl-atti ta' dawn il-proċeduri fis-26 ta' Frar 2024 u dan ai termini tat-tieni proviso tal-Artikolu 187(1), kif moqri flimkien mal-Artikolu 187(8) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li minkejja li l-konvenut ġie debitament notifikat, ma ppreżentax ebda risposta u lanqas qatt ma deher fis-seduti miżmuma minn din il-Qorti.

---

[3] Fol 7 tal-proċess

[4] Fol. 28 sa 29 tal-proċess;

[5] Minnha mogħtija nhar l-10 ta' Lulju 2024, fol. 44 sa 46 tal-proċess;

Rat il-provi prodotti mill-attriċi, ix-xiehda ta' **Annabelle Sammut**,[6] mogħtija viva-voce quddiem din il-Qorti, fejn ikkonfermat li hija tbiegħ materjal li jintużaw għall-istallazzjoni tal-airconditioners. Qalet illi hija biegħet lill-konvenut affarijiet varji, inkluż copper wires, brackets. Spjegat li l-konvenut ma ħallasx dak kollu dovut minnu, u kien fadallu jħallas is-somma ta' ħamest elef u tliet mitt Euro (€5,334). Hija kkonfermat li l-konvenut kien ħallas €100 wara li ġew intavolati dawn il-proċeduri.

Rat li l-attriċi ddikjarat li ma kellhiex aktar provi x'tipproduċi waqt is-seduta miżmuma nhar l-10 ta' Lulju 2024.

Rat illi minkejja li l-konvenut ingħata l-fakoltà minn din il-Qorti sabiex iressaq il-provi tiegħu f'seduta appożita, dan ma attendix u ma ressaq l-ebda prova.[7]

Rat li din il-Qorti differiet il-kawża għas-sentenza.[8]

Il-Qorti għaldaqstant tqis li t-talba mressqa mill-attriċi ġiet sodisfaċentement ippruvata minnha u kwindi ser tkun milqugħa. In vista ta' dak li ġie iddikjarat li sar pagament ta' mitt Euro wara l-intavolar ta' dawn il-proċeduri, għalhekk it-talba għandha tiġi ridotta b'mitt Ewro.

Illi dwar it-talba għall-imgħax, il-Qorti tinnota li dana intalab "mid-data tal-istatement of account" iżda l-istatement of account mhuwiex iddatat. Lanqas fix-xiehda tal-attriċi ma saret ebda referenza għad-data tal-istatement. Illi għaldaqstant, il-Qorti ser tkun qiegħda tapplika d-data tal-ewwel att ġudizzjarju ippreżentat mir-rikorrenti fil-konfront tal-intimat, bħala d-data meta għandu jibda jiddekorri l-iomgħax l-egali fuq l-ammont dovut. Din hija s-26 ta' Settembru 2023 u cioe d-data tal-ittra uffiċċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 2509/23.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa` t-talba attriċi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' ħamest'elef mitejn, erbgħa u tletin Ewro u ħamsin ċenteżmu (€5234.50), bl-imgħax legali dekorribbli b'effett mis-26 ta' Settembru 2023, sad-data tal-pagament effettiv.

[6] Minnha mogħtija nhar l-10 ta' Lulju 2024, Fol. 47 sa 51 tal-proċess;
[7] Ara l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2024, fol 52;
[8] Ara l-verbal tas-seduta tal-11 ta' Novembru 2024, fol. 52;

L-ispejjeż ta’ dawn il-proċeduri, l-ittra uffiċċjali bin-numru 2509/2023, kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 2226/2023, kif mitluba, huma a karigu tal-konvenut.

**Dr. Nadia H. Vella**
Maġistrat

**Naomi Bonello**
Deputat Reġistratur